# Knisja ta' Santa Katerina


Knisja ta' Santa Katerina

Il-knisja ta' Santa Katerina li nsibu ġewwa l-Gudja hija wkoll waħda mill-knejjes antiki li nsibu f'dan ir-raħal. Hija tinsab fuq ix-xellug tat-Triq Raymond Caruana inti hu dieħel ġewwa l-Gudja. Kontra żminijiet l-imgħoddija llum din il-knisja hija imdawra bini li ftit minnu huwa ukoll mibni riċentiment.

Fl-1575 din il-knisja kienet ġiet deskrita bħalla waħdha li l-istat tagħha huwa fqir ħafna. Fil-waqt li f'dan il-knisja kellha biebien ta' l-injam u altar wieħed, l-art kienet tat-torba jew tal-franka *(beaten earth)*. Għalkemm kienet f'dan l-istat, il-festa f'ġieħ Santa Katerina kienet tkun iċċelebrata b'quddiesa u l-vespri. Fl-1598 insibu li fil-knisja kien hemm ikona ta' Santa Katerina, l-altar kellu l-gandlieri u li kien hemm lampier quddiem l-altar. F'żewġ skrizzjonijiet li nsibu, waħda fuq il-faċċata ta' din il-knisja eżatt fuq l-unika tieqa li għandha, u l-oħra fuq ġewwa, ifakkru il-bini mill-ġdid ta' din il-knisja li kien sar fl-1631 fl-istess lok minn Ġakbu Mangion. L-iskrizzjonu li naraw ftit 'l fuq mit-teqa ta' fuq il-bieb ta' barra tgħid: *Domus Virgo Catharina Sace Iddum Ex Piet Beata Simul 1631*. Fil-knisja l-iskrizzjoni li nsibu fuq irħama fl-apside hemm il-kitba: *Renovata Est Anno Domini 1631*.

F’din il-knisja insibu artal wieħed u fl-apside hemm kwadru fuq it-tila ta’ Santa Katerina. Dan huwa mdawwar minn gwarniċ skolpit fil-ġebla f’għamla t’arzella. Wieħed jinnotta wkoll li l-art għada tal-franka.

Sa nofs is-seklu għoxrin din il-knisja kienet għada tintuża anki għall-laqgħat, biss illum disgrazzjatament qegħda sservi  biss bħalla *store* għall-armar tal-festa.